# Mit-tifkiriet ta' Marija u Pawlu Grima

Miktuba bl-għajnuna tas-Sur A. De Brincat

Marija Vella, għax dak kien kunjomha qabel ma żżewġet lil Pawlu Grima, twieldet San Ġwann, it-tieni wild fost sitt aħwa, meta San Ġwann kien magħruf bħala l-Imsieraħ. Pawlu twieled il-Gżira u ġie joqgħod San Ġwann ta' ħames snin. Marija u Pawlu żżewwġu fit-8 ta' Lulju, 1962 u għandhom żewġt itfal, Manwel u Bernardette, u nanniet ta' erbat ibniet. Pawlu u l-familja tiegħu marru joqgħodu f'Tal-Mensija, iżda ftit snin wara missieru, Ġużeppi, bena d-dar tal-familja 'Stella Maris' fi Triq in-Naxxar. Din id-dar kienet l-ewwel waħda li nbniet f'din it-triq.

Marija, bħat-tfal l-oħra tal-Imsieraħ, kienet tmur l-iskola primarja li dak iż-żmien kienet tinsab f'żewġ postijiet. Il-bniet u ż-żgħar kienu f'żewġt idjar biswit xulxin fi Triq il-Mensija faċċata ta' dawk li llum nafuhom bħala r-raddi tal-karrettuni tal-qedem (cart ruts) waqt li l-iskola l-oħra ta' ħames klassijiet għas-subien il-kbar kienet fuq il-magna tal-ħalib fejn illum hemm il-piċċ tal-boċċi. Omm Marija, Ġenoveffa Vella kienet il-purtinara f'dik l-iskola. Ġenoveffa kienet magħrufa li tħobb lit-tfal ħafna. Wara li jitqassam il-ħalib kienet tiffitta lit-tfal biex jieħdu aktar ħalib minn dak li jkun baqa'.

Marija tiftakar li meta kienet tmur l-iskola f'tal-Mensija fil-brejk kienu jilgħabu fit-triq jew fuq il-blat. In-Net Ball kienu jarmawh fit-triq. Ma jidhirx li kien hemm xi problema tat-traffiku, mhux bħal-lum. Dak iż-żmien it-tfal ma kienux jafu li kienu qed jilgħabu fuq ir-raddi tal-karrettuni eluf ta' snin qodma, qabel ma ġew imdawra, ftit aktar minn ħamsa u għoxrin sena ilu, bil wajer tat-tiġieġ biex nibżgħu għalihom. U baqgħu hekk tul daż-żmien kollu mingħajr ħadd qatt tħajjar jibni ċint suret in-nies.

Matul it-tfulija ta' Marija u Pawlu, l-Imsieraħ kien ġenna tal-art imdawwar bl-għelieqi u l-widien b'numru kbir ta' siġar tal-ħarrub, siġar tat-tin u bajtar u għelieqi b'kull xorta ta' ħaxix. Il-widien, Wied Għollieqa, Wied Għomor u Wied il-Ballut kienu mimlija ħajja, bl-irziezet imxerrdin matulhom b'numru mdaqqas ta' mogħoż, baqar, tiġieġ u fniek. Il-mogħoż fit-toroq huma u sejrin jirgħu fil-widien u lura lejn l-irziezet ma kienux jonqsu u mhux darba jew tnejn li kien hemm inċidenti ma' xi vettura għaddejja mit-triq minkejja li n-numru ta' vetturi fit-toroq kien ħafna inqas mil-lum.

Il-biċċa l-kbira tan-nies li kienu joqgħodu f'dawn l-inħawi kienu bdiewa jew bennejja. Oħrajn, għalkemm f'numru iżgħar, kellhom ħwienet żgħar. Id-djar u l-irziezet kienu mxerrda fuq medda kemmxejn kbira ta' art f'lokalitajiet bħal San Ġwann tal-Għorgħar, l-Imsieraħ, il-Mensija, il-Kappara, Misraħ Lewża, Ta' Żwejt u oħrajn. U la qed insemmu l-ħwienet Marija u Pawlu jiftakru l-ħwienet li kien hawn iktar minn sittin sena ilu. Jiftakru l-ħanut ta' Ġiljan tas-Sidra li kien fi Triq il-Mensija u li kien ħanut tal-growser bħalma kien il-ħanut ta' Ġużeppa fi Triq Birkirkara li kienet tbigħ il-laħam ukoll. Ta' min isemmi wkoll iż-żewġt iħwienet tal-Kuċċnara fejn wieħed jista' jitrejjaq u l-ħanut l-ieħor tal-merċa ta' Karmena u

Ġanni fi Triq Birkirkara li kienu jbiegħu l-ħaxix u Ġanna li kellha ħanut żgħir fejn kont issib minn kollox, minn labar tar-ras sa tubu għal-lampa tal-pitrolju u li kien jinsab fejn illum hemm il-Bank of Valletta. Meta Marija u Pawlu kienu jinħtieġu xi ħaġa li ma kienux isibu f'San Ġwann kien ikollhom jinżlu tas-Sliema jew imorru Birkirkara.

Marija tiftakar kemm kienu neqsin minn affarijiet. Hi u oħtha Doris kienu jmorru jġibu l-ilma ta' kuljum minn fuq l-għajn li kienet tinsab fejn illum hemm l-istejġ tal-linja fit-tarf ta' Triq in-Naxxar. Meta xi wħud minn ħutha kienu jkunu ma jifilħux, ommha kienet tagħtiha tliet soldi biex tmur iċċempel għat-tabib għand Pisanò. Kienu għallmuha kif għandha ċċempel minn telefon iswed kbir. Dak iż-żmien ebda Ġwanniż ma kellu radju u tistgħu taħsbu x'entużjażmu kbir qam meta Kukkujulu rnexxielu jiddobba radju. Dan Kukkujulu kellu ħanut tax-xorb flok id-Downtown. Permezz tas-Sur Joe Wedge li kien jaħdem mal-armata Ingliża ddobba radju Ever. U għat-tmienja ta' filgħodu kulħadd iħaffef il-pass għal għand Kukkujulu biex jisimgħu l-aħbarijiet tal-BBC.

L-ewwel forn li jiftakar Pawlu kien ta' Klementa f'remissa fil-bidu ta' Triq San Franġisk. Wara fetħu forn Toni u Nena fi Triq in-Naxxar. Kienu jfewħu t-triq bil-pasti u l-buskuttelli li kienu jagħmlu. Illum inxommu rwejjaħ oħra xejn inqas li jqanqlu l-aptit bin-numru kbir ta' ħwienet tal-ikel li nfetħu f'San Ġwann, l-aktar tul Triq in-Naxxar.

Missier Marija, Manwel, kien iħobb jisma' l-quddies f'Tal-Karmnu tas-Sliema. Fil-jiem sħan tas-sajf Marija u ħuha l-kbir, Kelinu, kienu jieħdu lil ħuthom iż-żgħar biex jiltaqgħu ma' missierhom u jieħdu għawma flimkien. Tiftakar sewwa l-kedda li kienu jtuhom ħuthom iż-żgħar, Ninu, Doris, Ġorġ u Gejtu sakemm jaslu Tas-Sliema. Min jitlewwem, min jinki u min jibki. Marija tiftakar u tirrakkonta din il-memorja b'għożża u nostalġija kbira imma tipprova tinsa t-tluq minn Malta ta' kull wieħed u waħda minnhom għan-naħa l-oħra tad-dinja.

Pawlu għamel żmien jaħdem mal-Amerikani iżda meta dawn intalbu jħallu Malta, Pawlu spiċċa bla xogħol u ntalab jibda jirreġistra billi jinżel tas-Sliema, Triq Sir Adrian Dingli fejn kien hemm u jidher li għadu hemm l-uffiċċju tas-Servizzi Soċjali. Wara li niżel xi darbtejn tlieta deherlu li kien ikun aħjar jekk jerġa' jibda jipprattika s-sengħa tiegħu ta' mastrudaxxa, u hekk għamel. Fl-1958 fetaħ ħanut fi Triq in-Naxxar bħala mastrudaxxa. Kien Patri Leopoldo li ġablu l-permess biex jaħdem ta' mastrudaxxa. Dan il-ħanut hu wieħed mill-ftit li għadu jeżisti sal-lum, għalkemm illum insibuh bħala 'ironmonger'. Ta' min isemmi li Pawlu kien ħadem l-ewwel bieb il-kbir tal-knisja parrokkjali.

Marija u Pawlu jiftakru sewwa l-festa titulari wkoll meta kienet issir f'Mejju. Pawlu u ħuh Karmenu għamlu żmien twil reffiegħa tal-vara titulari. Il-memorji ma jonqsux għax Marija tiftakar sewwa lil ommha, Ġenoveffa, torganizza x-xalata tal-għada tal-festa billi kienet tordna x-xarabank taz-ziju, t-'TomMix' u erħilha tħeġġeġ in-nies biex jiġu. Ix-xarabank kienet timtela sa ruħ ommha u ħalli l-anzjani jgħannu waħda wara l-oħra u ż-żgħażagħ joħorġu nofshom mit-twieqi jinbxu lil min ikun għaddej fit-triq.

Minn żmien għal żmien kien jiġi l-Imsieraħ Dun Ġorġ Preca biex jagħmel is-sajda Mużewmina. Kienet issir quddiem il-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar fejn bosta nies kienu jinġabru jsorġu fejn isibu saħansitra fuq il-blat biex jisimgħu l-kelma tal-fundatur tal-Mużew, illum l-ewwel qaddis Malti San Ġorġ Preca.

Qabel il-bini tal-knisja, Pawlu u Marija kienu jisimgħu l-quddies fil-kappella ċkejkna ta' San Ġwann tal-Għorgħar, illum użata mill-Mużew. Dak iż-żmien min ma kienx jilħaq jidħol ġewwa jew fuq in-nitfa ta' zuntier kien ikollu jisma' l-quddiesa biswit il-kappella jew fuq il-blat in-naħa l-oħra tat-triq. Ix-xjuħ u n-nisa kienu jġorru xi banketta tal-injam fejn setgħu

jsorġu biex jistrieħu. Pawlu, li kien abbati, jiftakar sew ir-rassa li kien ikun hemm fil-kappella u l-argumenti li kienu jinqalgħu dwar is-siġġijiet. Il-quddiesa kien iqaddisha Dun Karm li kien joqgħod qrib il-kappella. Wara li nbena l-Kunvent, Marija u Pawlu bdew jisimgħu l-quddies f'parti mill-kunvent wara li ħamsa u sittin sena ilu l-Kapuċċini Patri Feliċ u Patri Ġużepp u aktar tard Patri Bert bdew jieħdu ħsieb l-erwieħ fl-Imsieraħ ta' dak iż-żmien. M'hemmx għalfejn ngħidu li Marija u Pawlu jafu jgħidulek l-ismijiet tal-kappillani tul dawn l-aħħar ħamsin sena – l-ewwel kappillan, Patri Leopoldo Tabone (1965-1983), u warajh Patri Donat Spiteri (1983-1991), Patri William Axiaq (1991-1995), Patri Joe Mallia (1995-2004), Patri Effie Mallia (2004-2013) u l-kappillan tal-lum Patri Emmanuel Abela (2013-).

Il-familja ta' Marija kienet toqgħod Triq San Franġisk, trejqa żgħira ta' żewġ kantunieri u kwieta, għallinqas hekk kienet dak iż-żmien. Matul ir-rebbiegħa u s-sajf, meta s-sħana tibda tikkarga, ma' nżul ix-xemx, il-familji f'din it-triq bħal f'toroq oħra kienu joħorġu s-siġġijiet u l-banketti biswit il-bieb ta' barra bit-tfal subien jilgħabu l-boċċi jew ħarba u l-bniet iż-żibeġ u l-passju. Mat-tbexbix taqa' ħemda fit-triq, it-tpespis tal-għasafar tal-bejt ġejjin lura lejn il-bejta wara jum ifittxu x'jieklu jħeddlek u n-nagħas jirkbek, iżda ħadd ma jista' jmur jorqod qabel ir-Rużarju. Mhux bogħod minn fejn kienet toqgħod Marija kien jgħix anzjan, Zanzu Bdielu li ma nżul ix-xemx b'ħanġra li ma kellux bżonn ta' amplifikatur kien jibda jgħid ir-Rużarju u kull min ikun barra biswit il-bieb kien jakkumpanja lil Zanzu fir-Rużarju. U l-ħedla li bdiet tirkeb lit-tfal bit-tpespis tal-għasafar issa nbidlet f'nagħsa ħelwa.

Tifkiriet sbieħ li minkejja l-progress kollu li sar tul dawn l-aħħar ħamsin jew sittin sena, Marija u Pawlu jħarsu lejn dak iż-żmien b'nostalġija u forsi b'xi ftit dieqa wkoll għax iħossu li ntilfu ħafna affarijiet sbieħ.




Wentworth Butcher

*Mon to Fri: 7.00 till 19.30*
*Saturday: 7.00 till 14.00*
*Sunday: 8.00 till 12.00*
Sanctuary Street, San Ġwann

**Tel: 2138 3642**
**Mob: 7970 4472**

VINTAGE SOULS

Vintage Souls,
PN Club, G. Felice,
San Gwann

**Bar - Event Venue - Farewells - Get togethers - BBQs - Parties**

**2 Billiards Tables - Roof Area**

**WEEKLY OFFERS AT THE BAR**

**Like us on Facebook!**

Spend €5 &
**Get a FREE Beer**
with this token